# 128. Il-Wegħda *

Tnejn min-nies, Xmun u Gerita,
għamlu wegħda għal tal-Mellieħa;
skont il-wegħda kellhom jimxu
minn ġol-belt it-triq is-sħiħa.

U fid-dlam fil-għodu kmieni
telqu jimxu t-tnejn flimkien;
dari t-triq kienet ħażina,
tajn u ġebel kullimkien.

U biex tagħqad dari n-nisa
dublett kellhom twil sal-art,
fl-art jitkaxkar u jġorr miegħu
tajn u trab, u trab u mard.

Kif mill-Belt ħarġu, Gerita,
biex ma jsirx tajn id-dublett,
dlonk refgħetu 'l fuq tellgħetu,
għattiet rasha sa fuq nett.

Komplew jimxu u mill-Furjana
dawn għaddew u mill-Ħamrun,
Gerit tgħid il-litanija,
u jweġibha bil-mod Xmun.

Kif waslu f'nofs Birkirkara,
ix-xita bdiet tqattar ftit,
u t-taqtir laqgħat u xarrab
il-warrani ta' Gerit.

"L-anqas tgħid li jien imregħxa!!"
Gerit qalet b'vuċi mregħda;
Xmun weġibha: "Fejn naf jiena
li mhux hekk għamilt il-wegħda!"

** Poeżija meħuda mill-folklor Malti*